# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tallum il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 35/2015MH**

**Numru: 1**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Radoslav Stantchev Fournadjiev**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Bank of Valletta p.l.c.** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

> *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Bonnici datat 30 ta' Novembru 2007 (Dok. "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Radoslav Stantchev Fournadjiev.*

*Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Radoslav Stantchev Fournadjiev fis-somma mitt elf Ewro u wiehed, seba' mija u sebgha u disghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€101,797.84), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Radoslav Stantchev Fournadjiev mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Radoslav Stantchev Fournadjiev*

*(a)naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Radoslav Stantchev Fournadjiev li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*Illi l-konvenut Radoslav Stantchev Fournadjiev gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Awwissu 2013 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'C', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Radoslav Stantchev Fournadjiev (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Radoslav Stantchev Fournadjiev li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

2. *Tikkundanna lil Radoslav Stantchev Fournadjiev ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt elf Ewro u wiehed, seba' mija u sebgha u disghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€101,797.84), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Radoslav Stantchev Fournadjiev mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Awwissu 2013 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Radoslav Stantchev Fournadjiev tal-4 ta' Mejju 2021** permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet –

*"Illi t-talbiet tal-Bank attur huma infondati fil-fatt u fi dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi t-talbiet huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi bla pregudizzju ghal premess it-talbiet huma intempestivi stante li l-konvenut veru li ghamel zmien ma jhallasx il-house loan u dan ma kienx kapricc izda ghax ma kellux xoghol izda minn meta sab xoghol huwa beda u ghadu jhallas il-house loan regolarment;*

3. *Illi s-somma pretiza mil-Bank hija esagerata u mhix realment dovuta u ghalhekk ma hemmx qbil dwar l-ammont dovut stante li hemm kontesazzjoni dwar kif kellhom jigu kalkolati dawn l-imghaxijiet fuq l-house loan;*

4. *Illi l-Bank qabad arbitrarjament gholla l-interessi bi tmienja fil-mija (8%) u ghadu sal-lum jirrifjuta li jbaxxi r-rata tal-interessi meta l-arrangament mal-istess Bank kien li tali rata tkun ghal sena sabiex il-Bank jara li l-esponenti qed ikun puntwali fil-pagamenti tal-house loan u l-pagamenti li qed jaghmel l-esponenti qeghdin ghalhekk imorru ghall-imghaxijiet u mhux ghal kapital;*

5. *Illi bla pregudizzju ghal premess ghandhom jigu esebiti kopja tas-sanction letter u rendikont tal-pagamenti kollha li saru f'dan il-house loan mill-esponenti sal-lum u l-kuntratt relattiv.*

6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

7. *Bl-ispejjez."*

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat ukoll l-atti tal-proċeduri allegati Rik 35/2015 fl-ismijiet *Bank of Valletta p.l.c. vs Radoslav Stantchev Fournadjiev* deċiżi fit-13 ta' Lulju 2015 u Rik Nru 1046/16 fl-ismijiet *Radoslav Stantchev Fournadjiev vs Bank of Valletta p.l.c.*

Rat li waqt is-seduta tal-14 t'April 2021 il-partijiet qablu li l-provi kollha li huma diġa' miġbura rigwardanti d-debitu dovut għandhom jitqiesu bħala applikabbli u miġbura f'dan is-smiegħ il-ġdid.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-Bank attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallsu s-somma ta‘ (€101,797.84) bilanċ dovut ghad-debitu fil-kont ta‘ self li l-istess konvenut għandu mal-Bank, flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-28 ta’ Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv. Dan stante li allegatament il-konvenut naqas milli jottempra ruħu mal-obbligi kuntrattwali minnu assunti b’rabta mas-self imsemmi.

Minn naħa tiegħu l-konvenut irrespinġa l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. PROVI**

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fit-30 ta’ Novembru 2007 ġie ffirmat kuntratt permezz ta’ liema, fl-ewwel parti tiegħu, l-konvenut odjern ingħata self mill-Bank attur fl-ammont ta’ €100,163.06 sabiex huwa jkun jista’ jixtri u jakkwista appartament fl-indirizz St. Martin’s Court, Triq il-Kubrit, Gżira. Bħala garanzija għal dan is-self, il-konveut ikkonċeda favur il-Bank ipoteka ġenerali u oħra speċjali fuq l-appartament imsemmi. Dan b’żieda mal-privileġġ speċjali li kien jispetta lill-Bank fuq il-fond skont il-liġi. Fit-

tieni parti ta' dan il-kuntratt, il-konvenut xtara dan l-appartament mingħand terzi;

ii. Fil-15 ta' Jannar 2015, il-Bank attur intavola l-kawża kontra l-konvenut quddiem din il-Qorti diversament preseduta Rik Ġur Nru 35/15 fl-ismijiet *Bank of Valetta plc vs Radoslav Stantchev Fournadjiev* minħabba nuqqas ta' ħlas ta' pagamenti dovuti minnu lill-Bank kif ukoll inadempjenza da parti tiegħu fir-rigward ta' obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt;

iii. Fit-13 ta' Lulju 2015 il-Qorti tat is-sentenza tagħha , wara li kkunsidrat li Fournadjiev, debitament notifikat, baqa' kontumaċi u wara li qieset li t-talbiet dedotti fir-rikors promotur kienu mistħoqqa, laqgħet it-talbiet tal-Bank. B'hekk il-konvenut Fournadjiev ġie ordnat iħallas is-somma ta' €101,797.84 bħala bilanċ dovut għad-debitu fil-kont tas-self tiegħu mal-Bank flimkien mal-imgħax;

iv. Sussegwentement, inbeda l-proċess għall-eżekuzzjoni tas-sentenza msemmija. Ai termini ta' digriet tad-9 t'Awissu 2016, fuq talba tal-Bank stess, ġie ordnat il-bejgħ bl-irkant tal-appartament in kwistjoni nhar l-1 ta' Novembru 2016 fil-11.30am;

v. Fl-1 ta' Settembru 2016, fl-atti tas-Subbasta Nru 52/16 fl-ismijiet *Bank of Valletta plc vs Radoslav Stantchev Fournadjiev* inħatar perit arkitett sabiex jaghmel deskrizzjoni tal-fond u jfisser il-piżijiet, kirjiet u jeddijiet oħra, sew reali kemm personali, jekk kien hemm, li ghalihom dan il-fond jew fondi kien suġġett, kif ukoll l-aħħar trasferiment tiegħu. Ġie appuntat ukoll irkantatur sabiex imexxi l-irkant;

vi. Fl-14 ta' Novembru 2016 Fournadjiev preżenta rikors fl-atti tas-subbasta Nru 52/2016 permezz ta' liema a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap 12 talab lill-Qorti tirrevoka *contrario mperio* d-digriet tad-9 t'Awissu 2016 fejn ġie ordnat il-bejgħ tal-appartament in kwistjoni u fin-nuqqas tiġi ordnata s-sospensjoni tas-subbasta tal-istess immobbli ai termini tal-artikolu 326 tal-Kap 12;

vii. Il-Bank oppona ghal dik it-talba u b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2016 it-talba tiegħu ġiet miċħuda wara li l-Qorti qieset li l-fatti riskontrati minnha ma jwasslu għal ebda difett proċedurali kif allegat;

viii. Sadanittant fl-14 ta' Novembru 2016 ukoll, il-konvenut odjern intavola proċeduri Rik Ġur 1046/2016 fl-ismijiet *Radoslav Stantchev Fournadjiev vs Bank of Valletta p.l.c.* permezz ta' liema talab it-tħassir u r-revoka ta' sentenza mogħtija kontrih fit-13 ta' Lulju 2015 Rik Ġur

Nru 35/2015 a tenur tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-revoka u t-tħassir tad-digriet li bih din il-Qorti diversament preseduta kienet ordnat il-qbid ta' ħwejjeġ immobbli mogħti fl-atti tas-subbasta nru 52/2016. Huwa talab ukoll li ssir ritrattazzjoni tal-proċeduri Rik Ġur Nru 35/15 għar-raġunijiet minnu mogħtija fl-istess rikors promotur;

ix. Permezz ta' sentenza datata 19 ta' Frar 2021 din il-Qorti laqgħet it-talbiet tar-ritrattand fil-proċeduri msemmija Rik Ġur Nru 1046/2016 u b'hekk il-proċeduri Rik Ġur 35/15 fl-ismijiet premessi ġew appuntati għall-14 t'April 2021 biex jiġu trattati u deċiżi minn din il-Qorti kif preseduta;

x. Xehdu rappreżentanti tal-Bank attur li taw rendikont tal-bilanċ li għadu dovut mill-konvenut u l-imgħaxijiet fuqu;

xi. Xehed il-konvenut li spjega x'kienu r-raġunijiet li minħabba fihom f'ċerti perjodi huwa ma kienx f'qagħda li jagħmel ħlasijiet fuq il-loan. Huwa lmenta wkoll li għalkemm f'laqgħa li kienet saret kien ġie mwiegħed minn rappreżentant tal-Bank li l-imgħaxijiet ta' 8% kienu se jkunu għal sentejn biss dan baqa' ma seħħx. Isostni li dini r-rata ta' imgħax hija eċċessiva.

## B. EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

Fl-**ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut** huwa jissolleva l-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Madankollu fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu k-konvenut irtira tali eċċezzjoni u għalhekk **il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha**.

## Ċ. MERTU

**Fl-ewwel talba** tiegħu l-Bank attur jitlob lill-Qorti tiddikjara li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt tat-30 ta' Novembru 2007, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Radoslav Stantchev Fournadjiev (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Radoslav Stantchev Fournadjiev li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-Bank.

Il-Qorti rat ix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Bank attur Rose Cortis, George Cassar White u Aldo Meli. Mix-xhieda rriżulta li l-konvenut kien moruż fil-

ħlasijiet u li ma kienx baqa' jagħmel pagamenti fuq is-self mogħti lilu mill-Bank. Ġew esebiti wkoll *statements of accounts* bi breakdown ta' dak dovut mill-konvenut.

Jirriżulta wkoll li waqt ix-xhieda ta' Aldo Meli tat-3 ta' Diċembru 2021 huwa spjega l-prospett korrett li fuqu hija bbażata l-azzjoni attriċi u ċioe Dok AM 1–

> *"Av: Dal-prospett iwassal ghas-somma ta' ..... cents, imma l –prospett u imghaxijiet, li huma esebiti fil- 25 ta' Gunju 2021, huwa somma inqas u cjoe.. somma ta' 132,104.24 u l-imghaxijiet fil- 25 ta' Novembru 2021*
>
> *Xhud : Li gara bi zball meta pprezentat l-ewwel wiehed hadmu fuq li kellna tal-ewwel kawza allura meta nerghu nigu , naghmlu update tieghu u kien hemm zball zghir u kellna nerghu nahdmuh, Ahna flok fil-judgement, bdejniha mil-bidu kif suppost mil bidu tal-kawza."*

F'xhieda sussegwenti l-istess xhud kompla jikkjarifika hekk –

> *"Dr Cassar: Ara. Hemm żewġ statements esebiti. One: Dok GCW għedtilna li ġie esebit minn uffiċjal ieħor. George Cassar White. U l-ieħor Dok AM 1 esebit minnek. Hemm xi differenza bejn dawn iż-żewġ statements?*
>
> *Qorti: U jekk hemm, x'inhi?*
>
> *Xhud: Id-differenza hija li aħna konna rtirajna l-istatement li kien ħadmilna George Cassar White, sewwa?*
>
> *Qorti: Għax inħadem mill-bidu u mhux mis-sentenza.*
>
> *Xhud: Eżattament.*
>
> *Qorti: Ok.*

*Xhud: Imbagħad erġajna preżentajna t-tieni wieħed.*

*Qorti: It-tieni statement.*

*Xhud: Lill-Qorti biex nemendaw u ppreżentajna t-tieni wieħed.*

*Qorti: Ok.*

*Dr Cassar: Jiġifieri tiegħek, l-AM 1, is-simple interest minn meta beda?*

*Qorti: Tiegħek x'jirrifletti?Minn meta beda jiddekorri dak li għandi llum fl-atti?*

*Xhud: Mis-sentenza."*

Mill-prospett jirriżulta wkoll li l-aħħar pagament li sar mill-konvenut kienu fid-29 ta' Settembru 2020. Ix-xhud Aldo Meli kkonferma wkoll li wara dik id-data l-konvenut ma kkomunikax aktar mal-Bank.

Id-difiża mressqa mill-kovenut hija li għall-ewwel snin tas-self huwa kien dejjem iħallas dak dovut imma l-problemi tiegħu bdew meta l-post fejn kien jaħdem għalaq fl-2015. Għamel sentejn bla xogħol sakemm f'Jannar 2017 huwa reġa beda jaħdem. Żied jgħid li f'Ottubru 2018 kellu attakk tal-qalb u sakemm irkupra għamel diversi xhur ma setax imur xogħol u anke spiċċa xi żmien bla paga għax ma kienx fadallu *sick leave*. Meta reġa daħal xogħol huwa kompla jħallas il-loan. Kompla jispjega li matul il-perjodu tal-pandemija tal-Covid-19 huwa ma kellux xogħol u rċieva €700 mingħand l-Istat. Reġa' beda jaħdem fl-2022.

Il-konvenut semma wkoll episodju meta fl-2019 kellu laqgħa ma' rappreżentant tal-Bank fil-preżenza tal-Avukat u hemm ġie mwiegħed li r-rata ta' 8% interess kienet biss għal sentejn u li wara r-rata kellha titnaqqas. Meta dan ma seħħx, l-avukat tiegħu kitbet lill-Bank li minn naħa tiegħu wieġeb li ma għandu ebda rekord ta' dik il-laqgħa u peress li l-impjegat kien fil-frattemp irtira ma kienx possibli li ssir verifika miegħu.

Il-konvenut iżid jgħid li għalkemm fi Frar tal-2021 l-avukat tiegħu reġgħet kitbet b'rabta mal-imgħax ta' tmienja fil-mija, il-Bank baqa' ma bagħat ebda risposta. Huwa jsostni li l-imgħax ta' 8% huwa eċċessiv u ogħla mir-rata mposta mill-liġi kif ukoll huwa *compound interest*.

Evalwati l-provi mressqa mill-partijiet il-Qorti ssib li l-ewwel talba tal-Bank timmerita li tiġi akkolta. Il-konvenut kien iffirma kuntratt għal self u ntrabat b'obbligi speċifiċi kif hemm indikat fl-istess kuntratt. Fuq ammissjoni tiegħu stess, il-konvenut kien moruż fil-ħlasijiet u għajr għall-allegat tentattiv tiegħu fl-2019 sabiex ir-rata tal-imgħax fuq is-self tonqos, ma jirriżultax li huwa kien laħaq xi arranġament mal-Bank biex għal xi żmien ma jħallasx il-pagamenti minnu dovuti minħabba ċirkustanzi personali.

Inoltre minkejja li kkritika l-komputazzjoni tal-prospett tal-Bank, il-konvenut ma rnexxilux iġib provi kuntrarji li jwaqqgħu jew jikkontradixxu s-somma mitluba

fil-kawża. Jiġi rilevat ukoll li, kif irriżulta mill-provi, l-imgħax maħdum huwa *simple interest* u mhux *compound interest* kif allegat mill-konvenut.

Dwar ir-rati tal-imgħax applikabbli mill-Banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra ingħad hekk fil-każ **Lombard Bank plc vs Ian Borg Attard et deċiż fil-25 t'Ottubru 2024 -**

***"Dwar l-imgħax applikabbli mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji, l-imgħax kompost u l-prinċipju tal-ultra duplum:***

*Fil-ġurisprudenza nostrana jeżistu deċiżjonijiet li b'sempliċi referenza għal-hekk imsejħa prattika bankarja jaċċettaw imgħaxijiet komposti b'mod differenti minn dak kontemplat fil-liġi.*

*Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet* ***Lombard Bank Malta p.l.c. vs IV's Co. Ltd.*** *(gia Santa Group Limited) bħala debitur prinċipali u Ivan Cutajar bħala garanti solidali ġie osservat li kuntrarjament għal f'każ ta' self; f'każ ta' overdraft huwa permess li bank japplika imgħax kompost.*

*Fid-deċiżjoni mbagħad mogħtija mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet* ***Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria konjuġi Muscat*** *ġie ritenut kif isegwi:*

*"Din il-Qorti osservat illi l-artikolu li jipprojbixxi l-kalkolu ta' imgħaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili li jimponi c-*

*cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista' jitlob l-imgħax fuq l-imgħaxijiet maghluqa.*

*Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bħala oġġett "il-ħlas ta' somma determinata" (art. 1139 Kodiċi Ċivili).*

*Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwu u mhux fuq obbligazjzoni naxxenti minn kuntratt ta' "overdraft". Kuntratt ta' "overdraft" ma jittrattax obbligazzjoni ta' "somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawża "Warrington noe vs Sciberras" deciza fit-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih bank jikkoncedi facilita' lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, iżda jeħtieġ dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma' l-bank ikun jista' jieħu proċeduri ezekuttivi fir-rigward."*
*Li kuntratt ta' overdraft mhux l-istess bħal wieħed ta' self joħroġ ukoll mit-tagħlim tal-awturi bħal Messineo, Vidari, u Torrente.*

*Torrente fil-fatt jgħid kif isegwi:*

*L'apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di muotuo (promessa di mutuo).*

*L-istess awtur ikompli fil-fatt jispjega li:*

*Il mutuo e' un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l-apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono invece, "contratti consensuali" colui a cui favore l'una o l'altra e' concessa puo' disporre della somma, pagando per esempio, i fornitori o i propri debiti,*

*senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessario se di promessa di mutuo si trattasse.*

*Il-Qorti tal-Appell nostrana fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet* ***Scicluna vs Zinelli*** *u l-Qorti tal-Kummerċ f'dik mogħtija fl-ismijiet Piovano vs Fenech kienu tal-istess fehma.*

*B'dan li ma' jistgħax għalhekk jingħad li f'każ ta' overdraft japplika l Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili stante li tali faċilita' hija distinta minn dik tal-mutwu.*

*Oltre dan, is-sistema adoperata mill-bank f'każ ta' faċilita' ta' overdraft hija li l-imgħax jiżdied fuq il-bilanċ.*

*Tali sistema ġiet aċċettata mill-Qrati tagħna bħala waħda valida u legali f'varji deċiżjonijiet fosthom dawk mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ inkluż nhar il-25 ta' April, 1940 fl-ismijiet Scicluna vs Tufigno noe, nhar il-15 ta' Jannar, 1979 fl-ismijiet Busuttil vs Spiteri Debarro u nhar is-6 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet Mercieca noe vs Borg, dawk mogħtija mill Prim'Awla tal-Qorti Ċivili inkluż nhar it-28 ta' Ottubru, 1999 fl-ismijiet Bank of Valletta Ltd vs Dalli u nhar it-3 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet Borg vs Borg et u, aktar ricentement, dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002 fl-ismijiet Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Co.Ltd.et.*

*L-awtur Giorgi jibbaża din is-sistema fuq il-prinċipju ta' usi u consuetudini billi jgħid:*

*Se poi ci si domanda, in che consistono siffatti usi e consuetudini, rispondiamo esser cosa da non dichiararsi in due parole. E' una ricerca che solo i trattisti speciali di diritto commerciale possono convenientemente istituire. A noi basta il ricordare, come la piu' notevole di queste consuetudine concerne il conto corrente: dove e lecito pattuire che gli interessi delle somme risultanti a debito, per dirlo con parola comemrciale, di un correntista, siano capitalizzati a favore dell'altro correnstista a brevi scandenze periodiche.*

*Fid-deċiżjoni diġà' ivi ccitata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet* ***Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria konjuġi Muscat*** *ġie ritenut kif isegwi:*

*"Ir-raguni għal dan it-trattament speċjali jingħad li hi bbazata fuq il prinċipju ta' indivizibbilita' li jikkaratterizza l-kont kurrent "che si oppone a che il saldo possa considerare composto in parte di una somma rappresentatnti gli interessi (ara sentenza riportata fil-kollezz. Vol. XXVII.1.826)."*

*Naturalment, tali konċessjoni tibqa topera dment li tibqa topera l-faċilita' ta' overdraft stante li meta l-istess faċilita' tiġi rikjamata u tingħalaq; l imgħax irid jiġi kkalkolat bis-sistema normali stabbilita fil-Kodiċi Ċivili.*

*Dan stante li ġaladarba l-faċilita' ta' overdraft tiġi terminata, u s-somma dovuta tiġi determinata; il-kwistjoni issir bħal waħda fejn l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma determinata b'dan li ma' jkunx jista' jintalab imgħax għajr kif kontemplat fl-Artikolu 1142 tal Kodiċi Ċivili.*

*Dan ikompli jikkonferma il-mod kawt ta' kif il-Qrati nostrani aċċettaw li jkomplu jagħtu validita' lill-prattika bankarja. B'dan li malli titwaqqaf faċilita' ta' overdraft l-imgħax irid jinħadem b'mod sempliċi.*

Inoltre, l-Artikolu 5 tal-*Avviż Legali 142 tal-2009 jippermetti imgħax ogħla minn dak ta' 8% impost mill-*Artikolu 1852 tal-*Kodiċi* Ċivili *kif isegwi:*

*" 5. Minkejja kull haġa oħra li tinsab f'kull liġi oħra, istituzzjonijiet ta'* kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-*regolament 2 jistgħu jistabbilixxu* r-*rata ta' mghax li għandha tithallas fuq depożiti mizmumin minn istituzzjonijiet ta'* kreditu, u r-*rata ta' mghax li dawn jistgħu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilità ta'* kreditu *oħra kif ukoll fil-*hrug *ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti oħra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu."*

Dan l-Artikolu 5 tal-*Avviż Legali 142 tal-2009 daħal fis-seħħ bis-saħħa* tal-Artikolu 1855A tal-*Kodiċi* Ċivili *li jrid li:*

*"1855A. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-*Ministru *responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi dispożizzjoni tat-*Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb *bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħal ma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas."*

*B'dan li, kif ġie tajjeb osservat mil-bank attur fin-nota tal osservazzjonijiet finali tiegħu, il-Qrati nostrani huma konsistenti f'li jghidu li dan l-artikolu neħħa kull dubju li seta' jqum fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi, billi pprovda espressament li d-dispożizzjonijiet ta' dan l artikolu kienu japplikaw minkejja kull projbizzjoni li seta' jkun hemm fi kwalunkwe liġi oħra, inkluż għalhekk l-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Oltre minn hekk, filwaqt li l-Artikolu 1852 tal-Kap. 16 għadu jorbot ir-rata tal-imgħax mal-persentaġġ ta' 8%, minkejja d-diversi emendi li sarulu tul iż-żminijiet; l-Artikolu 1850 li jipprojbixxi kalkolu ta' imgħax kompost differenti minn dak kontemplat fih inniffsu ma' ġiex mimsus.*

*L-Artikolu 1850 jaqra fil-fatt kif isegwi:*

*"1850. (1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.*
*(2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.*
*(3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex."*

*B'dan li huwa għalhekk ċar li f'każ ta' faċilita' ta' overdraft, bank jista' jżid ir-rata tal-imgħax għal-aktar minn 8% ai termini tal-Artikolu 5 tal-Avviż Legali 142 tal-2009 dment li tali faċilita' tkun għadha ma' ġietx rikjamata. L-istess bank jista' wkoll japplika l-proviżjonijiet tal-Artikolu 1850 inkluż is-subartikolu (2) u b'hekk jibdel f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena."*

B’hekk, anke fir-rigward tar-rata tal-imgħax applikata mill-Bank attur fil-każ odjern, ma kien hemm xejn irregolari jew kontra l-liġi kif argumentat mill-konvenut.

**Għalhekk il-pretensjoni fl-ewwel talba timmerita li tiġi akkolta.**

**Għall-istess raġunijiet it-tieni, t-tielet u r-raba’ eċċezzjoni tal-konvenut ser jiġu respinti.**

B’rabta mal-**ħames eċċezzjoni tal-konvenut** din hija ormai sorvolata stante li waqt is-seduta tad-29 ta’ Mejju 2023 ġew esebiti kemm kopja tas-*sanction letter* kif ukoll prospett aġġornat u kwindi **l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-eċċezzjoni**.

Raġġunti dawn il-konklużjonijiet **il-Qorti sejra tilqa’ wkoll it-tieni talba kif dedotta filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut**.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-Bank attur kif dedotti;**

3. **L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**